MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MICALLEF JOSEPH R.

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1692/2000/1

**PUBLIC BROADCASTING SERVICES LIMITED**

**vs**

**AWTORITA’ TAX-XANDIR**

## Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-11 t’Awissu, 2000, li bih il-kumpannija attriċi ippremettiet:

Illi s-soċjeta’ attriċi hija responsabbli għax-xandir fuq l-istazzjoni tat-televizjoni TVM;

Illi b’deċizjoni mogħtija fit-13 ta’ Lulju 2000 l-Awtorita’ tax-Xandir iddeċidiet illi l-programm Pjazza 3 tal-21 ta’ Marzu 2000 kiser id-disposizzjonijiet dwar gosti tajba u deċenza (artikolu 13(2)(a) tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta’ Malta) u mmultat lil PBS Ltd is-somma ta’ sitt mitt lira (Lm600)

pagabbli fi żmien xahar, u ordnat li silta ta' din id-deċizjoni għandha tinqara waqt l-aħbarijiet ta' TVM;

Illi l-Awtorita' tax-Xandir

- naqset li toħrog avviz ta' akkuza a tenur tas-subinċiz (5) ta' l-artikolu 41 tal-Kap. 350,

- naqset li tinfoma lis-soċjeta' attriċi illi kienet qed tiġi indagata u akkużata (subinċiz (8) ta' l-art. 41) dwar il-kommissjoni ta' offiża amministrattiva u illi l-Awtorita' kienet qegħda tikkontempla li timponi penali amministrattiva jew xi forma oħra ta' kastig fuq PBS Ltd, u

- naqset ukoll li tinformaha dwar id-dritt tagħha li tkun assistita minn avukat jew prokuratur legali skond il-Kostituzzjoni u l-Kap. 319, u

- naqset ukoll li tinformaha bid-dritt tagħha li tressaq xhieda biex tiddefendi ruħha;

Illi fil-konsiderazzjoni tal-każ, l-Awtorita' straħet fuq dikjarazzjonijiet bil-miktub ta' persuna li ma ġietx imsejħa biex tixhed u għalhekk is-soċjeta' attriċi ma ngħatatx l-opportunita' li tagħmel kontroeżami tax-xhieda;

Illi, fl-assenza ta' uffiċjal prosekutur f'dawn il-proċeduri, li essenzjalment jammontaw għal proċeduri ta' dixxiplina, l-Awtorita' tax-Xandir aġixxiet bħala prosekutur u ġudikant fl-istess waqt u ħin, u b'hekk lanqas kellha l-apparenza ta' indipendenza u imparzjalita' fir-rigward tal-meritu tal- każ. Inoltre, kien id-Dipartiment tal-*Monitoring* ta' l-istess Awtorita' li ppromwova dawn il-proċeduri li wasslu għal sejbien ta' ħtija ta' offiża amministrattiva u kastig taħt il-Kap. 350. Inoltre, f'ittra datata 1 ta' Ġunju 2000 iċ-Chief Executive ta' l-Awtorita' esprima l-fehma ta' l-istess Awtorita' illi *"L-Awtorita' ikkunsidrat .... (ir-risposta ta' PBS Ltd) kif ukoll dik annessa magħha mis-Sur Lou Bondi izda l-Awtorita' mhix sodisfatta bir-risposta"*, u dan qabel is-seduta li ffissat l-Awtorita' biex tisma' l-każ u qabel ma l-Awtorita' għamlet id-deliberazzjoni finali. Inoltre, wħud

mill-membri komponenti l-Awtorita' tax-Xandir effettivament ċanfru lil PBS Ltd verbalment matul is-seduta tal-5 ta' Lulju 2000;

Illi konsegwentement, l-Awtorita' tax-Xandir naqset li tagħti lis-soċjeta' attriċi PBS Limited smiegħ xieraq, u dan bi vjolazzjoni ta' l-artikolu 41(3) tal-Kap. 350;

Illi l-għemil ta' l-Awtorita' huwa *ultra vires* peress illi naqset milli tosserva n-neċessitajiet proċedurali mandatorji imposti mill-Kostituzzjoni u mill-Kap. 319 kemm fit-twettiq ta' l-għemil amministrattiv kif ukoll fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil;

Illi fil-każ tas-sensiela "Tajjeb li tkun taf" ta' Manwel Cuschieri mxandra fuq l-istazzjon One Radio & Television, l-Awtorita' tax-Xandir imponiet multa ferm izgħar wara li rriskontrat abbuzi serji u ripetuti fil-kontenut tal-programm, u għalhekk fil-każ ta' PBS Limited l-Awtorita' tax-Xandir aġixxiet b'mod diskriminatorju;

Illi, għalhekk, l-għemil ta' l-Awtorita' jammonta wkoll għal ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea, senjatament id-dritt għal smiegħ xieraq minn awtorita' ġudikanti indipendenti u imparzjali (Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319) u id-dritt għall-protezzjoni minn diskriminazzjoni (Artikolu 14 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319) u d-dritt għall-liberta' ta' espressjoni (Artikolu 10 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319);

Illi s-soċjeta' attriċi qed tistitwixxi dawn il-proċeduri fil-Qorti a tenur ta' l-artikolu 41(6) tal-Kap. 350 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll a tenur ta' l-artikolu 496A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, biex il-każ jiġi mistħarreg ġudizzjarjament (judicial review);

Għalhekk is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-raġunijiet premsssi:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-Awtorita’ tax-Xandir naqset li tagħti lis-soċjeta’ attriċi PBS Limted smiegħ xieraq, u dan bi vjolazzjoni ta’ l-artikolu 41(3) tal-Kap. 350;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi l-għemil ta’ l-Awtorita’ huwa *ultra vires* peress illi naqset milli tosserva n-neċessitajiet proċedurali mandatorji imposti mill-Kostituzzjoni u mill-Kap. 319 kemm fit-twettiq ta’ l-għemil amministrattiv kif ukoll fid-deliberazzjonijiet ta’ qabel dwar dak l-għemil;

3. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-għemil ta’ l-Awtorita’ jammonta wkoll għal ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea, li jagħti lok għall-ħlas ta’ kumpens xieraq, senjatament;

- id-dritt għal smiegħ xieraq minn awtorita’ ġudikanti indipendenti u imparzjali (Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u Artikolu 6 ta’ l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319);

- id-dritt għall-protezzjoni minn diskriminazzjoni (Artikolu 14 ta’ l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319); u

- id-dritt għall-liberta’ ta’ espressjoni (Artikolu 10 ta’ l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319);

4. Tordna lill-Awtorita’ konvenuta biex fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat, trodd lura lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ sitt mitt lira (Lm600) imħallsa minnha lill-Awtorita’ konvenuta bħala multa amministrattiva in ottemperanza ma’ l-imsemmija deċizjoni ta’ l-Awtorita’ mogħtija fit-13 ta’ Lulju 2000;

5. Tordna l-ħlas ta’ kumpens xieraq lis-soċjeta’ attriċi għall-ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319;

Bl-ispejjeż, inkluzi dawk tal-Protest tal-31 ta’ Lulju 2000, kontra l-Awtorita’ konvenuta, li hija nġunta għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija attriċi;

Rat in-Nota mressqa fis-6 t'Ottubru, 2000, li biha l-Awtorita' mħarrka eċċepiet:

1. Fl-ewwel lok, in-nullita' taċ-ċitazzjoni stante li l-Aġent Chief Executive tal-Public Broadcasting Services m'għandux il-personalita' ġuridika neċessarja sabiex jaġixxi f'isem is-soċjeta' attriċi;

2. Fit-tieni lok, in-nullita' taċ-ċitazzjoni in kwantu il-kawża hija ntavolata ħażin peress li din l-Onorabbli Qorti mhix kompetenti biex tisma' lanjanzi ta' natura kostituzzjonali u dwar il-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem sakemm tali proċedura ma ssirx b'rikors u dan skond is- subartikolu (2) l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l- artikolu 4 tal-Kap 319 u r-regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qorti (Avviż Legali 35 tal-1993);

3. Fit-tielet lok, in-nullita' taċ-ċitazzjoni peress li s-soċjeta' attriċi ma eżawrixxietx ir-rimedji ordinarji tagħha qabel ma istiwiet proċeduri taħt il-Kostituzzjoni u taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea;

4. Fir-raba' lok, in-nullita' taċ-ċitazzjoni stante li d-difetti imsemmija fit-tieni u fit-tielet paragrafi ta' din in-nota mhumiex sanabbli skond il-liġi peress li jaffettwa s-sustanza tad-difiża tal-awtorita' konvenuta u anke jaffettwa l-proċeduri ta' appell u ċioe' dwar liema għandha tkun il-qorti kompetenti għall-fini ta' appell;

5. Fil-ħames lok, in-nullita' taċ-ċitazzjoni stante li l-Awtorita' tax-Xandir m'għandiex ir-rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta u stante li l-lanjanza hija waħda dwar drittijiet tal-bniedem l-azzjoni trid tiġi proposta kontra l-Gvern ta' Malta u mhux kontra l-Awtorita' tax-Xandir;

6. Fis-sitt lok, in-nullita' taċ-ċitazzjoni stante li l-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Kapitlu 319 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikawx fil-każ ta' *judicial review of administrative action* in kwantu dawn jitrattaw dwar id-drittijiet u l-

libertajiet fundamentali tal-bniedem. Jekk is-soċjeta' attriċi trid tipproċedi skond il-Kostituzzjoni u l-Kap. 319 hija għandha tagħmel dan skond il-proċedura elenkata fil-liġijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ta' din in-nota ta' eċċezzjonijiet. Terġa' dawn il-liġijiet mhumiex applikabbli għal proċeduri ta' *judicial review* in kwantu l-proċeduri quddiem l-Awtorita' tax-Xandir huma ta' natura amministrattiva li la jinvolvu *"the determination of civil rights and obligations"* u lanqas m'huma ta' natura penali;

7. Fis-seba' lok, in-nullita taċ-ċitazzjoni stante li l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili ma japplikax għall-proċeduri de quo, in kwantu l-azzjoni ta' *judicial review* trid issir skond is-subartikolu (6) ta' l-artikolu 41 ta' l-Att dwar ix-Xandir li hi *lex specialis* u dan in konformita' mal-prinċipju *lex specialis derogat lex generalis* u in konformita' wkoll mas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

8. Fis-seba' lok, it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt, stante d-deċiżjoni ta' l-Awtorita' tax-Xandir in kwistjoni hija waħda fil-limiti tal-poteri mogħtija lilha skond l-Att dwar ix-Xandir;

9. Fit-tmien lok, l-Awtorita' qatt ma setgħet timxi ma' l- artikolu 41 tal-Kap 350 kif qed tippretendi s-soċjeta' attriċi peress li meta kienu mexjin il-proċeduri de quo lanqas biss kienu għaddew mill-Parlament l-emendi għall-Att dwar ix-Xandir, inkluż l-istess artikolu 41 li ġie introdott bl-Att Numru XV ta' l-2000, u wisq anqas kienu ġew fis-seħħ ħlief lejliet il-ġurnata meta ttieħed id-deċiżjoni. Meta l-artikolu 41 tal-Att dwar ix-Xandir għadda mill-Parlament permezz ta' l-Att Numru XV ta' l-2000 u ġie fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2000 skond l-Avviż Legali 123 ta' l-2000, il-proċeduri kienu ġa ħadu l-kors tagħhom u l-artikolu 41 mhux wieħed li kellu jiġi applikat b'mod retroattiv;

10. Fid-disa' lok, mhux minnu li l-istazzjon ma ngħatax smiegħ xieraq. Listazzjon ingħata kull opportunita' li jagħmel il-każ tiegħu;

11. Fl-għaxar lok, mhux minnu li l-Awtorita’ aġixxiet b’mod diskriminatorju u, f’kull każ, tali lanjanza mhix waħda li tista’ tiġi nvestigata minn din l-Onorabbli Qorti f’proċeduri li allegatament qed jiġu istitwiti skond l-artikolu 41(6) tal-Kap 350 u l-artikolu 469A tal-Kap 12. La l-artikolu 41(6) u lanqas l-artikolu 469A fuq ċitati ma jipprovdu għal *judicial review of administrative action* fuq bażi ta’ diskriminazzjoni. Tali tip ta’ rimedju jista’ jingħata biss taħt l-artikolu relevanti tal-Kostituzzjoni u taħt il-Kap 319;

12. Fil-ħdax-il lok, l-Awtorita’ qatt ma aġixxiet ta’ prosekutur u ta’ ġudikant fl-istess ħin peress li hawn si tratta ta’ proċeduri amministrativi u mhux ta’ proċeduri penali u li, f’kull każ, il-proċeduri tmexxew miċ-Chief Executive ta’ l-Awtorita’ kontra l-istazzjon PBS Ltd;

13. Fit-tnax-il lok, l-Awtorita’, qabel ma ħadet id-deċiżjoni tagħha, semgħet kemm iċ-Ċhief Executive tagħha stess li ressaq il-każ quddiemha kif ukoll is-sottomissjonijiet ta’ PBS Ltd. Is-Sur Andrew Psaila, Aġent Chief Executive ta’ PBS Ltd, attenda għal żewġ seduti ta’ l-Awtorita’ fejn ġie diskuss il-każ u ngħata wkoll kull opportunita’ li jressaq il-każ f’isem l-istazzjon kif ukoll il-provi kollha li dehrlu opportun fiċ-ċirkostanzi;

14. Illi għalhekk id-deċiżjoni ta’ l-Awtorita’ hija waħda proporzjonata u fil-parametri tal-liġi;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-Awtorita’ tax-Xandir;

Rat il-verbali tas-smigħ tad-9 ta’ Novembru, 2000, u tal-14 ta’ Marzu, 2001, u kif ukoll ix-xhieda mogħtija minn Andrew Psaila [1]u d-dokumenti mressqin mill-kumpannija attriċi[2], dwar l-ewwel eċċezzjoni mqanqla mill-Awtorita’ mħarrka;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-21 ta’Ġunju, 2001, li bih l-Awtorita’ mħarrka rtirat l-ewwel eċċezzjoni tagħha;

[1] 14.3.2001 u 15.5.2001, f’pa[[. 27-8 u 32 tal-pro`ess
[2] Dok “AP1”, f’pa[. 29 tal-pro`ess

Rat id-Degriet tagħha tat-30 t'Ottubru, 2001, li bih ħalliet lill-kumpannija attriċi tressaq provi dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-Awtorita' mħarrka;

Rat in-Nota mressqa fil-5 ta' Frar, 2002[3], bix-xhieda bl-affidavit ta' l-Kap Eżekuttiv tal-Awtorita' mħarrka u għadd ta' dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija attriċi fit-8 ta' Frar, 2002[4], bix-xhieda bl-affidavit ta' l-Kap Eżekuttiv tagħha;

Rat id-Degriet tagħha tal-15 ta' Frar, 2002, li bih u fuq talba tal-kumpannija attriċi, tat lill-partijiet żmien biex iressqu Noti ta' Sottomissjonijiet dwar l-eċċezzjonijiet ta' nullita' proċedurali mqanqla mill-Awtorita' mħarrka;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fl-20 ta' Mejju, 2002[5];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa fit-28 ta' Mejju, 2002[6], mill-Awtorita' mħarrka bi tweġiba għal dik tal-kumpannija attriċi, u li matulha[7] rtirat il-ħames (5 $^{es}$) u s-seba' (7$^{a'}$) eċċezzjonijiet tagħha;

Rat l-atti kollha tal-kawża u semgħat lill-avukati tal-partijiet;

Rat id-Digriet tagħha tal-25 ta'Ġunju, 2002,li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar il-ħames (5) eċċezzjonijiet ta' nullita' (eċċezzjonijiet numru tnejn (2) sa sebgħa (7) imsemmija fin-Nota tal-Eċċezzjonijiet, nieqsa l-ħames (5$^{es}$) u s-seba' (7$^{a'}$) eċċezzjonijiet li wkoll ġew irtirati) imqanqlin mill-Awtorita' mħarrka;

***Ikkunsidrat:***

[3] Pa[[. 41 sa 105 tal-pro`ess
[4] Pa[[. 107-9 tal-pro`ess
[5] Pa[[. 112-6 tal-pro`ess
[6] Pa[[. 117 sa 120 tal-pro`ess
[7] Ara pa[[. 119 u 120 tal-pro`ess

Illi din hija azzjoni fejn il-kumpannija attriċi qegħda titlob li jsir stħarriġ mill-Qorti dwar deċiżjoni meħuda kontra tagħha mill-Awtorita' tax-Xandir f'Lulju, 2000. Hija qegħda tilmenta li l-imsemmija deċiżjoni u l-multa li hija kienet ordnata tħallas bis-saħħa tagħha, kisru l-jeddijiet tal-kumpannija attriċi (a) għal smigħ xieraq minn awtorita' indipendenti u imparzjali, (b) li ma tkunx diskriminata, u (ċ) għall-ħelsien tal-espressjoni. Għalhekk, qegħda titlob li l-imsemmija deċiżjoni titqies ma tiswiex, u li l-multa minnha mħallsa tintraddilha lura, minbarra li tingħata kumpens għall-ksur tal-jeddijiet tagħha;

Illi, għal din l-azzjoni, l-Awtorita' mħarrka laqgħet b'għadd ta' eċċezzjonijiet preliminari li jgħidu li l-azzjoni attriċi, kif mibdija, ma tiswiex. Hemm ukoll eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar dawk l-eċċezzjonijiet preliminari li l-Awtorita' mħarrka għadha tinsisti dwarhom;

Illi, fil-qosor, mill-atti tal-proċess jirriżultaw il-fatti li sejrin jissemmew. Fil-21 ta' Marzu, 2000, ixxandar programm televiżiv mis-sensiela *Pjazza 3*, li ittratta s-suġġett "L-edukazzjoni sesswali". Din it-trasmissjoni saret mill-istazzjoni immexxi mill-kumpannija attriċi. Minħabba riżervi[8] dwar il-kontenut tal-istess programm, l-Awtorita' mħarrka kienet ħadet passi kontra l-kumpannija attriċi, wara li ma kinitx soddisfatta bit-tweġibiet li tawha l-istess kumpannija u l-preżentatur tal-programm dwar l-imsemmi programm[9]. Kienet ingħatat data li fiha kellu jsir smigħ dwar il-każ[10] li ġie mfisser f'memorandum mill-Eżekuttiv Ewlieni tal-Awtorita' datat 22 ta' Ġunju, 2000[11], u li hu iffirmat minnu. Għall-kumpannija attriċi waqt l-imsemmi smigħ kien deher Andrew Psaila[12]. Wara li sar dak is-smigħ, l-Awtorita' tat deċiżjoni tagħha dwar il-każ fit-13 ta' Lulju, 2000[13], ħarġet stqarrija għall-Istampa[14] u ordnat lill-

---

[8] Dok "KA1" f'pa[[. 48-9 tal-pro`ess
[9] Ara Dokti. "KA3", "KA4" u "KA7", f'pa[[. 51, 52 u 55 tal-pro`ess
[10] Dok "KA10", f'pa[. 58 tal-pro`ess
[11] Dok "KA11", f'pa[[. 59-63 tal-pro`ess
[12] Affidavit 25.1.2002 f'pa[[.108-9 tal-pro`ess
[13] Dok "KA14", f'pa[[. 76-7 tal-pro`ess
[14] Dok "KA15", f'pa[[. 78-9 tal-pro`ess

kumpannija attriċi taqra siltiet minnha waqt bulettin tal-aħbarijiet dak inhar stess[15]. Fl-istess deċiżjoni, il-kumpannija attriċi twaħħlet multa ta' sitt mitt lira Maltija, li kellha titħallas fi żmien xahar. Fil-11 t'Awissu, 2000, infetħet din il-kawża;

Illi l-eċċezzjonijiet kollha li dwarhom qegħda tingħata din is-sentenza jduru madwar is-siwi tal-att taċ-Ċitazzjoni, kemm mill-aspett tal-għamla tiegħu u wkoll minħabba nullita' sostantiva marbuta mal-mertu tat-talbiet attriċi nfushom. Dawn l-eċċezzjonijiet qegħdin jinġabru għalhekk kif qed jingħad:

(a) *Nuqqas ta' siwi minħabba l-forma tal-att:*

l-azzjoni jmissha saret b'Rikors u mhux b'Ċitazzjoni minħabba n-natura kostituzzjonali tal-ilmenti mressqa (it-tieni eċċezzjoni);

l-azzjoni ma tiswiex għaliex ma ġewx eżawriti r-rimedji ordinarji kollha disponibbli (it-tielet eċċezzjoni);

n-nuqqas fl-għamla tal-att ma jistax jiġi msewwi għaliex jolqot is-sustanza tal-eċċezzjoni (ir-raba' eċċezzjoni); u

(b) *Nuqqas ta' siwi sostantiv:*

Illi l-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikawx għal każijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju dwar deċiżjonijiet tal-Awtorita' tax-Xandir, fejn la hemm determinazzjoni ta' jeddijiet ċivili u lanqas hemm proċedura ta' għamla penali (is-sitt eċċezzjonji);

Illi, għal dawn l-eċċezzjonijiet, il-kumpannija attriċi tressaq l-argumenti kuntrarji fl-istess ordni li ngħataw l-eċċezzjonijiet. Għalhekk, (a) dwar it-tieni eċċezzjoni, il-kumpannija attriċi tgħid li l-jedd tagħha li titlob stħarriġ dwar xi għamil amministrattiv li hi tħoss li jikser il-Kostituzzjoni huwa mogħti mill-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili

[15] Dok "KA13", f'pa[. 75 tal-pro`ess

nnifsu[16]. Tgħid li, f'dan ir-rigward, ir-regoli miġjuba fl-Avviż Legali 35 tal-1993 (li jippreskrivu l-proċedura maħsuba għall-azzjonijiet dwar ksur ta' Jeddijiet Fondamentali tal-Individwu) ġew mibdula sewwasew bid-dħul fil-liġi tar-rimedju tal-istħarriġ ġudizzjarju. (b) Dwar it-tielet eċċezzjoni twieġeb li l-azzjoni tagħha hija sewwasew ir-rimedju ordinarju li hija kellha għad-dispożizzjoni tagħha kontra d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorita' mħarrka, ma' liema rimedju hija waħħdet ir-rimedju straordinarju "*unico contextu*". (ċ) Fuq dak li qalet l-Awtorita' mħarrka fir-raba'eċċezzjoni tagħha, il-kumpannija attriċi tisħaq li l-problema maħluq bl-imsemmija eċċezzjoni m'huwiex maħluq minn min irid ifittex rimedju, imma mill-mod kif inhi mfassla l-liġi u dan għaliex l-artikolu 469A ma jgħidx għal-liema lmenti ta' ksur tal-Kostituzzjoni jrid jirreferi. Hija iżżid tgħid li dan in-nuqqas ta' kjarezza fil-liġi ma għandux jissarraf f'kastig għal min irid iħares drittijietu billi l-att imressaq minnu jiġi meqjus ma jiswiex;

Illi daqstant ieħor tisħaq dwar is-sitt eċċezzjoni li (d) jekk l-għamil amministrattiv jikser xi parti mill-Kostituzzjoni, azzjoni ta' stħarriġ hija possibbli u f'lokha, u ma tistax titqies barra minn postha sempliċement għaliex tolqot xi jedd imħares fil-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni jew il-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta: hija żżid tgħid li għaliex il-proċeduri quddiem l-Awtorita' huma sewwasew proċeduri ta' għamla amministrattiva l-azzjoni tagħha kif magħmula saret sewwa;

Illi fit-tweġiba tagħha għas-sottomissjonijiet tal-kumpannija attriċi, l-Awtorita' mħarrka tinsisti li ma huwa minnu xejn li l-proċedura speċjali maħsuba mill-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u mfassla fl-Avviż Legali 35 tal-1993 għall-każijiet li għalihom tapplika spiċċat bid-dħul fis-seħħ tal-artikolu 469A fil-Kodiċi tal-Proċedura. Li kieku dan kien minnu, ikun ifisser li l-Kostituzzjoni tista' tinġieb fix-xejn b'dispożizzjoni ta' liġi ordinarja. Daqstant ieħor, tmieri lill-kumpannija attriċi dwar is-sottomissjoni li r-rimedju ordinarju tal-istħarriġ jinkorpora fih ir-rimedju straordinarju maħsub fil-proċedura mibdija taħt il-Kostituzzjoni;

16 Art. 469A(1)(a) tal-Kap 12

Illi din il-Qorti tifhem li, bid-dħul fis-sistema proċedurali Malti tal-azzjoni speċjali ta' stħarriġ ġudizzjarju, partikolarment dak dwar is-siwi ta' xi għamil amministrattiv li jkun jikser il-Kostituzzjoni, inħolqot ċerta diffikulta' dwar liema għamla ta' azzjoni hija miftuħa lil xi persuna mġarrba minn ksur bħal dan. Kif sewwa tgħid il-kumpannija attriċi fis-sottomissjonijiet tagħha, wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-leġislatur meta daħħal din l-azzjoni kienet dik li tnaqqas ir-rikors għall-kawżi kostituzzjonali. Dan il-fatt jinsab magħruf mill-Qrati tagħna wkoll. Imma lanqas ma jista' jingħad li, minn mindu daħal fis-seħħ l-artikolu 469A, intemm il-proċediment Kostituzzjonali maħsub fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew il-ħtieġa fondamentali tiegħu. Id-diffikulta' li nħolqot hi safejn l-ewwel għamla ta' proċediment tista' tersaq lejn tat-tieni. Huwa aċċettat ukoll li għad hemm nuqqas ta' fehma waħda dwar dan l-aspett proċedurali, li jinsab rifless f'ġudikati li ma jaqblux għal kollox ma' xulxin;

Illi hija l-fehma sħiħa ta' din il-Qorti li l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju hija azzjoni ta' rimedju ordinarju li tagħti ġurisdizzjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza ordinarja tagħha, bla ma tmiss mill-kompetenza speċjali tagħha f'Sede Kostituzzjonali, jekk tkun adita għaldaqshekk skond il-proċedura speċjali maħsuba għal rimedju taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, li baqgħat bla mittiefsa. Il-Qorti tasal għal din il-fehma mill-qari tal-ewwel kelmiet tal-artikolu 469A(1) tal-Kap 12, li jżommu ferma kull dispożizzjoni tal-liġi li tista' tipprovdi mod ieħor dwar azzjonijiet speċjali oħrajn;

Illi l-Qorti hija daqstant tal-fehma li r-rimedju "ordinarju" ma ġabarx fih ukoll dak "straordinarju" maħsub għall-proċediment kostituzzjonali. Il-leġislatur, kemm meta fassal il-Kostituzzjoni u kif ukoll meta daħħal il-bidliet fil-liġi proċedurali, ma jidhirx li ried iwaħħad dawn iż-żewġ rimedji distinti biex joħloq b'hekk taħwid fil-kompetenza tar-rispettiv tribunal awtorizzat biex jisma' u jiddeċiedi dwar l-ilment speċifiku mressaq quddiemu. Minħabba f'hekk, din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tal-kumpannija attriċi fis-sens li azzjoni dwar stħarriġ

ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A(1)(a) tista' tgħaqqad f'nifs wieħed azzjonijiet imħallta li huma "ordinarji" u wkoll "straordinarji". Il-Qorti tasal għal din il-fehma għal żewġ raġunijiet: l-ewwel nett għaliex meta l-artikolu 469A isemmi l-Kostituzzjoni, m'huwiex qiegħed jillimita ruħu għal xi ksur ta' xi jedd imħares bil-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni, u, fit-tieni lok, għaliex l-istess artikolu 469A iżomm bla mittiefsa l-kwestjoni ġurisdizzjonali maħluqa bi proċeduri oħrajn f'xi liġi, kif sewwa issottomettiet l-Awtorita' mħarrka;

Illi, madankollu, iċċarati dawn il-fehmiet, il-Qorti tħoss li għandha tgħid ukoll li eċċezzjoni li tgħid li l-att ġudizzjarju ma jiswiex għaliex jintalbu fih taħlita ta' rimedji "ordinarji" u oħrajn "straordinarji" tmur lil hinn mill-aspett tan-nullita' formali tal-att taċ-ċitazzjoni. Hija eċċezzjoni li tolqot il-mertu nnifsu, speċjalment meta wieħed jaraha fid-dawl tal-kwestjonijiet li jsibu ma' wiċċhom il-qrati meta tfeġġ kwestjoni bħal din. Min-naħa l-oħra, r-rimedji "starordinarji" jistgħu jintalbu u jingħataw biss jekk m'hemmx rimedji "ordinarji" disponibbli. Imma dan it-taħlit ta' talbiet m'huwiex in-nuqqas ta' kjarezza li tolqot att ta' ċitazzjoni taħt l-artikolu 156(1) tal-Kap 12, u għalhekk wieħed ma jistax iqiegħed "il-kontraditorjeta'" jew "l-inattendibilita'" taħt xi waħda mill-erba' ċirkostanzi maħsuba mil-liġi dwar l-eċċezzjoni tan-nullita' tal-atti ġudizzjarji[17]. Lanqas ma jista' jingħad li talba għall-għoti ta' rimedju "ordinarju" hija kontradittorja jew inkompatibbli ma' talba għal rimedju "straordinarju": dawn huma talbiet komplimentari li ġew imfissra bħala li jħaddnu gradwatorja ta' preċedenza, imma mhux esklużjoni reċiproka;

Illi l-Qorti irriflettiet sewwa fuq dan il-punt u tistqarr li d-diffikulta' mhix ċkejkna, u dan fid-dawl tal-prinċipji mfissra mill-Qorti Kostituzzjonali dwar l-applikabilita' jew disponibilita' ta' proċediment kostituzzjonali "bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment"[18]. F'dan il-qafas il-Qorti ma tistax ma tqisx li

[17] Art. 789(1) tal-Kap 12
[18] Art. 46(1) tal-Kostituzzjoni, u ara t-tifsira tag]ha fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali **5.4.1991** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**), u dik tas-**6.10.1999** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Steven Bartolo vs Avukat {enerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.275**) u l-g]add ta' sentenzi msemmijin fihom

din ix-xejra ġurisprudenzjali ssawret f'dispożizzjoni normativa fl-1995 meta daħal fis-seħħ l-artikolu 469A, li jidher li ta, fis-subartikolu (1) (a) tiegħu, rimedju "ordinarju" dwar għamil amministrattiv li jikser il-Kostituzzjoni (f'kull parti tagħha)[19] dwar aspett li dwaru jista' jintalab ukoll rimedju "straordinarju";

Illi, għalhekk, għal dak li jirrigwarda l-aspett proċedurali jew ritwali tat-tieni u r-raba' eċċezzjonijiet tal-Awtorita' mħarrka din il-Qorti hija tal-fehma li dawn ma jistgħux jintlaqgħu.  Naturalment, xejn ma għandu jinftiehem li qiegħed jolqot il-"mertu sostantiv" tal-imsemmija eċċezzjonijiet, li wieħed jistenna li jiġi trattat quddiem u studjat mill-Qorti li sejra tittratta l-mertu tal-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda s-siwi tal-att promotur, l-Awtorita' mħarrka tisħaq li l-proċedura xierqa f'każijiet ta' allegat ksur ta' xi jedd jew liberta' fondamentali tal-bniedem (bħalma qegħda tallega  l-kumpannija attriċi) hija dik bil-mezz tar-rikors.  Dan joħroġ mid-dispożizzjonijiet espressi tar-Regolament 2 tal-Avviż Legali 35 tal-1993 (is-suċċessur tal-Avviż Legali 48 tal-1964), dwar kawżi li għalihom japplikaw l-artikoli 46(1) u 95(2) tal-Kostituzzjoni. Din hija proċedura tassattiva li ma tippermettix għamliet oħrajn ta' proċedura. Hija ttenni għalhekk li, ladarba l-kumpannija attriċi  ressqet att ta' ċitazzjoni, hemm ksur tal-forma meħtieġa fl-att skond ma jrid l-artikolu 789(1)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-Awtorita' mħarrka targumenta li ladarba din il-kawża m'hijiex waħda dwar stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12, u ladarba l-azzjoni ta' natura kostituzzjonali ma għandhiex titħallat ma' proċedimenti oħrajn, jiġi li bl-azzjoni kif imressqa mill-kumpannija attriċi, hi qegħda titpoġġa fi stat ta' inċertezza dwar l-għamla ta' azzjoni li tressqet kontra tagħha.  Min-naħa tagħha, il-kumpannija attriċi wriet li l-azzjoni tagħha tinkludi wkoll talba għal rimedju għal ksur ta' jeddijiet oħrajn imħarsin mill-Kostituzzjoni f'taqsima oħra tagħha (Kapitolu XI) u saħansitra taħt liġi oħra (Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta).

[19] Ara sentenza ta' din il-Qorti tat-**8.11.2001** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Primrose Poultry Products Limited  vs  Il-Prim Ministru et***  (~itazz. Nru. 1945/00JRM)

Fid-dieher, il-liġi tistabilixxi proċeduri differenti għal rimedju għal xi ksur taħt kull waħda mit-taqsimiet tal-Liġi fuq imsemmija. Il-kumpannija attriċi ttenni li kieku kellha timxi kif l-Awtorita' mħarrka qegħda tissuġġerixxi li messha għamlet, kien ikollhom jibdew iżjed minn proċedura waħda kontra l-istess Awtorita'. Għall-kuntrarju, l-kumpannija attriċi tisħaq li bil-proċedura mibdija minnha f'din il-kawża, evitat id-duplikazzjoni ta' proċeduri u t-tfaqqis ta' kwestjonijiet li kieku kien ikollhom joqogħdu jiġu trattati f'kawżi għal rashom imma li jkunu jittrattaw ħwejjeġ konnessi ma' xulxin;

Illi l-Qorti, wara li qieset dawn l-argumenti tal-partijiet, tibda biex tgħid li huwa stabbilit li, għal dak li jirrigwarda proċedimenti quddiem din il-Qorti mibdija taħt is-subartikolu (1) tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u dawk mibdija quddiem il-Qorti Kostituzzjonali taħt is-subartikolu (2) tal-artikolu 95 tal-Kostituzzjoni, dawn **għandhom** jinbdew b'rikors. Din hi dispożizzjoni espressa f'regolament li huwa maħruġ taħt l-istess Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili li jirregola l-mod kif jitmexxew il-proċedimenti kollha quddiem il-Qrati Maltin. Fl-istess Kodiċi, madankollu, huwa stabbilit ukoll li l-proċediment ordinarju quddiem il-Qrati Ċivili superjuri huwa dak tal-att taċ-ċitazzjoni[20];

Illi iżjed 'il quddiem huwa stabbilit ukoll li proċediment li jmissu jitmexxa b'ċitazzjoni (jew b'rikors tal-appell) ma jiswiex jekk kemm-il darba jinġieb 'il quddiem b'att ġudizzjarju ieħor[21], iżda ma jkunx hemm nullita' fejn proċedura li jmissha tinġieb 'il quddiem b'rikors tinġieb 'il quddiem minflok b'ċitazzjoni[22]. Kieku l-liġi kienet tieqaf hemm, ma kien ikun hemm l-ebda diffikulta' biex wieħed jasal għal konklużjoni dwar l-eċċezzjoni taħt eżami. Iżda fit-tieni proviso tal-artikolu 164(2) jingħad espressament li d-dispożizzjonijiet ta' dak is-subartikolu **ma għandhomx** japplikaw meta, skond xi liġi oħra minbarra l-Kodiċi, l-proċedimenti għandhom jinbdew b'rikors;

[20] Art. 161(1) tal-Kap 12
[21] Art. 164(1) tal-Kap 12
[22] Art. 164(2) tal-Kap 12

Illi minn din il-qagħda jinstiltu minnufih żewġ konsiderazzjonijiet: ewwel waħda hija li r-Regolament 2 tal-A.L. 35 tal-1993 jgħid bla tlaqliq li azzjonijiet dwar dawk il-kwestjonijiet hemm imsemmija iridu jitressqu b'rikors. It-tieni waħda hija li dak l-Avviż Legali huwa liġi (għax għalkemm huwa liġi sussidjarja, huwa u għandu s-saħħa ta' liġi xorta waħda). Id-diffikulta' li ħassbet lill-Qorti mhux ftit hija jekk dak l-Avviż Legali huwiex "liġi oħra li ma tkunx dan il-Kodiċi". Dan qiegħed jingħad għaliex jidher li l-effetti tal-artikolu 164(2) jiġu fix-xejn biss jekk il-proċedura tassattiva tar-rikors hija stabbilita f'liġi oħra li mhix il-Kodiċi;

Illi jekk wieħed jara l-intestatura tal-Avviż Legali 35 tal-1993 isib li dan huwa maħruġ sewwasew taħt il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin lill-Bord fl-artikolu 29 tal-istess Kodiċi. Dak l-Avviż Legali m'huwiex liġi sussidjarja tal-Kostituzzjoni (bħalma jeżistu strumenti legali sussidjarji oħrajn li espressament huma maħruġa taħt il-Kostituzzjoni, bħal per eżempju, l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tar-Rappreżentanti). Huwa minnu li l-artikolu 46(7) tal-Kostituzzjoni jipprovdi għall-għamil ta' regolamenti dwar il-prattika u l-proċedura f'każijiet taħt dak l-artikolu, u li l-proċedura preskritta tkun bil-mezz ta' rikors u s-smigħ ikun imħaffef, imma jibqa' fatt li l-Avviż Legali 35 tal-1993 inħareġ taħt il-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan il-fatt, fil-fehma tal-Qorti u għar-raġunijiet li issa sejrin jissemmew, huwa determinanti għas-soluzzjoni tal-kwestjoni;

Illi jekk wieħed jifli l-prinċipju ewlieni tad-Dritt Pubbliku dwar in-natura u l-funzjoni ta' liġi sussidjarja, isib li normalment din (a) għandha titqies li hija ħaġa waħda mal-liġi prinċipali li taħt is-setgħat tagħha hija maħruġa; (b) li taqa' fil-limiti (jew parametri) tal-imsemmija liġi prinċipali u ma tistax tmur lil hinn minnha (mingħajr ma taqa' fil-periklu li titqies bħala *ultra vires*); u (ċ) l-kliem u d-dispożizzjonijiet tagħha jitfissru kif imfissra fil-liġi ewlenija. Dawn il-prinċipji huma mħaddna lkoll fil-liġi tagħna wkoll fil-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta[23];

[23] Artt. 8 sa 10 tal-Kap 249

Illi, għalhekk, fid-dawl ta’ dawn il-prinċipji, il-Qorti tasal għall-fehma li l-Avviż Legali 35 tal-1993 m’għandux jitqies bħala “liġi oħra li ma tkunx dan il-Kodiċi” għall-finijiet tat-tieni proviso tal-artikolu 164(2) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili ta’ Malta;

Illi, dejjem fid-dawl ta’ l-eċċezzjoni taħt eżami, mhux ta’ min iwarrab minn quddiem għajnejh ukoll il-fatt li l-artikolu 789(1)(ċ) jipprovdi li l-eċċezzjoni ta’ nullita’ ta’ att ġudizzjarju minħabba ksur tal-forma meħtieġa trid tipprova li, b’dak il-ksur, il-parti mħarrka tkun ġarrbet preġudizzju li ma jistax jissewwa jekk mhux bit-tħassir tal-att ġudizzjarju in kwestjoni. Fil-każ preżenti, l-imħarrek Avukat Ġenerali jaċċenna għal preġudizzju iżda dan ma jorbtux mal-forma tal-att ġudizzjarju, imma mal-ġabra tat-talbiet (ta’ natura differenti) li saru mill-atturi. Dan, fil-fehma tal-Qorti ma jikkostitwix it-tip ta’ preġudizzju li għalih jirreferi l-artikolu 789(1)(ċ) tal-Kap 12. Kemm hu hekk, minkejja li f’għajnejn l-imħarrkin l-att li bih tmexxiet il-kawża ma jiswiex, l-ebda wieħed minnhom ma naqas li jressaq eċċezzjonijiet oħrajn fil-mertu li bihom, f’każ ta’ ċaħda tal-eċċezzjonijiet preliminari mqanqlin minnhom, jista’ u għandu biex jissielet it-talbiet attriċi sostantivament;

Illi, fl-aħħar nett jiżdied jingħad ukoll li l-massima *ut magis valeat quam pereat* ġiet għadd ta’ drabi u konsistentement applikata mill-qrati tagħna meta ġew biex iqisu eċċezzjoni ta’ nullita’ ta’ att ġudizzjarju. Sakemm att ġudizzjarju mhux imħassar minn għeruqu, m’għandux jitqies ma jiswiex;

Illi, għalhekk, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru hawn fuq, din il-Qorti tasal għall-fehma li ma jistax jingħad li l-azzjoni attriċi, minkejja d-diversita’ ta’ rimedji mitluba, hija difettuża fil-forma tagħha jew fis-sustanza. Din il-fehma hija marbuta biss mal-aspett tal-forma tal-att ġudizzjarju mressaq mill-kumpannija attriċI u safejn dan l-att jitqies li jiswa. Dan jingħad mingħajr ma l-Qorti qegħda tagħmel xi ġudizzju dwar jekk uħud mit-talbiet attriċi humiex sostenibbli jew saħansitra ammissibbli f’din l-istanza;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet preliminari mressqin mill-Awtorita' tax-Xandir billi:

**Tastjeni milli tagħti l-fehma tagħha** dwar l-ewwel, il-ħames u s-seba' eċċezzjonijiet preliminari, li l-Awtorita' mħarrka ma baqgħetx tinsisti dwarhom;

**Tiċħad it-tieni, it-tielet, ir-raba' u s-sitt eċċezzjonijiet** preliminari tal-istess Awtorita' mħarrka, billi m'humiex imsejsin fil-fatt u fid-dritt, u tgħid għalhekk li l-att taċ-ċitazzjoni mressaq mill-kumpanija attriċi jiswa; u

**Tikkundanna** lill-Awtorita' mħarrka tħallas l-ispejjeż ta' dinn is-sentenza.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**21 ta' Novembru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**
**21 ta' Novembru, 2002**